*SEKWESTRATARJU*

*ART 378 TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*ESCROW*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 1087/2015/1/LSO**

**Avukat Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Seaboard Overseas Limited**

**vs**

**Imhallef Emeritus Dr P Sciberras bhala kuratur *ad litem* ta' Nero Shipmanagement Ltd., u b'**

**digriet tal-15 ta' Lulju 2016 giet revokata n-nomina tal-Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u gie nominat bhala sostitut l-Avukat Dr Kris Borg**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Stephen Muscat (420772M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Seaboard Overseas Limited datat 29 ta' April 2016 fejn espona: -

1. Illi nhar is-6 ta' Lulju 2015, is-socjeta' esponenti talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi, liema mandat ghadu fis-sehh;

2. Illi bl-istess mandat giet notifikata s-socjeta' Rema Maritime Limited fl-10 ta' Lulju 2015 bhala sekwestratarja u dana bl-iskop li jzomm lill-imsemmija socjeta' milli tghaddi f'idejn is-socjeta' Nero Shipmanagement Limited bhala debitur tas-socjeta' esponenti flus jew hwejjeg mobbli; appartenenti lill-istess Nero Shipmanagement Limited, u dana *a tenur* tal-artikolu 375 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi wara li s-socjeta' Rema Maritime Ltd. giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, hija pprezentat nota fir-Registru li fiha kienet qieghda tiddikjara

*"Illi m'ghandhiex hwejjeg jew flus tas-socjeta' sekwestrata",* liema nota tinsab fl-atti ta' l-istess mandat, annessi;

4. Illi s-socjeta' esponenti kienet a konoxxenza tal-fatt illi Nero Shipmanagement Ltd kienet intavolat proceduri ta' arbitragg gewwa Londra fil-konfront tas-socjeta' Rema Maritime Limited, li d-dettalji dwarhom s-socjeta' esponenti ma kienetx taf u ma setghetx tkun taf *stante* n-natura kunfidenzjali taghhom u ghalhekk permezz ta' l-avukat taghha gewwa Londra kienet kitbet lil P&I Club ta' Rema Maritime Limited gewwa l-Ingilterra li kienet qieghda tiehu hsieb l-arbitragg imsemmi, biex tistaqsi dwar l-istess arbitragg.

5. Illi fil-fatt is-socjeta' Rema Maritime Limited kienet reticenti li taghti xi tip ta' informazzjoni kif jirrizulta mill-iskambju ta' *e-mails* relattiv, kopja taghhom tinsab ezibita mar-rikors tad-19 ta' Ottubru 2015 imsemmi hawn fuq u jinsab fl-atti tal-Mandat odjern;

6. Illi jirrizulta li s-socjeta' esponenti ilha ghal numru ta' snin tipprova tinforza l-'Award', kif anke seghet tikkonstata dina l-Onorabbli Qorti, u huwa kjarament fl-interess tal-gustizzja u ordni publiku li s-socjeta' Nero Shipmanagement Limited u/jew is-socjeta' Rema Maritime Limited ma jithallewx jevadu l-infurzar ta' tali 'Award' li tikkostitwixxi titolu ezekuttivghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi Maltija;

7. Illi s-socjeta' esponenti bl-iskop li tissalvagwardja l-interessi taghha, munita kif inhi b'titolu ezekuttiv li bhala att

ezekuttiv mahrug abbazi ta' l-istess titolu, jikkostitwixxi ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, fil-kaz ta' dak it-titolu fil-konfront tas-socjeta' Nero Shipmanagement Limited u fil-kaz tal-mandat ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' Rema Maritime Limited specifikatament biex jinghata effett lill-istess mandat bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku li trid tithares inkondizzjonalment, nhar id-19 ta' Ottubru 2015 ipprezentat rikors fl-atti tal-Mandat odjern, li bih talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi sabiex taghti dik l-informazzjoni kollha rilevanti ghall-istess mandat, senjatament li tirrispondi bis-shih id-domandi maghmula mill-konsulent legali tas-socjeta' esponenti *(Ara Dok. 'SM4' u Dok. SM5' annessi ma' l-imsemmi rikors);*

8. Illi in segwitu r-rikors tad-19 ta' Ottubru 2015 imsemmi hawn fuq u wara li dina l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited u lis-socjeta' Rema Maritime Limited ghar-risposta li l-imsemmija socjetajiet debitament ipprezentaw, dina l-Onorabbli Qorti wara li gentilment semghet lill-partijiet, permezz ta' digriet tat-12 ta' Jannar 2016, iddisponiet mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet *"billi tordna lil Rema Maritime Limited sabiex tiddepozita kopja legali tal-lodo arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mid-data li jinghata taht sanzjoni ta' disprezz u dana salv u effettiv l-obbligu li l-istess socjeta' tiddepozita s-somom li talvolta tigi kkundannata thallas lid-debitur sekwestrat skont il-Ligi entro l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess."*

9. Illi in segwitu d-digriet imsemmi fis-suespost, is-socjeta' Rema Maritime Limited permezz ta' cedola ta' depozitu datata 21 ta' Jannar 2016, fl-atti tal-Mandat odjern, filwaqt li ghamlet referenza ghal zewg 'Awards' wiehed tat-13 ta' Awwissu, 2015 u iehor tal-21 ta' Dicembru 2015 li bihom l-istess socjeta' Rema Maritime Limited giet ikkundannata thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited is-somma ta' USD459,896.99, permezz ta' l-imsemmija cedola iddepozitat (favur is-socjeta' esponenti) is-somma ta' USD28,674.41, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess cedola;

10. IIIi r-raguni li ssemmi s-socjeta' Rema Maritime Limited ghala ddepozitat is-somma ta' USD28,674.41 biss, minkejja li kienet giet ikundannata thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited is-somma ta' USD459,896.99 kienet li kien gie ffirmat *Escrow agreement* datat 7 ta' Ottubru 2001 bejn dawn l-istess socjetajiet li abbazi tieghu sar *bank transfer* mill-*Escrow agent* skont l-istess *Escrow agreement* lin-'Norwegian Hull Club', il-'Hull Club' tas-socjeta' Nero Shipmanagement Ltd., fl-ammont ta' USD431,222.58.

11. IIIi fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti, bl-agir taghha, is-socjeta' Rema Maritime Limited illegalment u abbuzivament eludiet l-obbligi taghha bhala sekwestratarja, naxxenti mill-Mandat ta' Sekwestru odjern, u dana ghar-ragunijiet segwenti:

(1) Il-Mandat ta' Sekwestru odjern gie intavolat (u akkordat) nhar is-6 ta' Lulju. 2015, u debitament notifikat lis-socjeta' Rema Maritime Limited nhar l-10 ta' Lulju 2015 u **ghalhekk qabel l-'Award' tat-13 ta' Awwissu 2015;**

(2) IIIi fil-mument li s-socjeta' Rema Maritime Limited giet ikkundannata permezz tal-'Final Arbitration Award' tat-13 ta' Awwissu li thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited, u dana wara li kienet giet debitament notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru odjern, hija kellha, <u>indipendentement mill-obbligi assunti minnha permezz tal-*Escrow agreement*,</u> tiddepozita dik is-somma li kienet giet ikkundannata thallas permezz ta' l-istess 'Final Arbitration Award' sal-limitu tal-ammont kawtelat permezz tal-Mandat odjern, kif inghad;

(3) IIIi minflok, is-socjeta' Rema Maritime Limited (wara li giet ikkundannata thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited) ghazlet li tinjora l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

(4) IIIi fil-fatt it-talba da parti l-avukati tas-socjeta' Nero Shipmanagement Limited lill-*Escrow agent* abbazi ta' l-*Escrow agreement* saret ferm wara l-Mandat ta' Sekwestru odjern, sewwasew fit-**30 ta' Dicembru, 2015;**

(5) IIIi l-konsiderazzjonijiet suesposti huma wkoll kkonfermati mid-dicitura tad-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 ta' dina l-Onorabbli Qorti ghaliex bl-istess digriet is-socjeta' Rema Maritime Limited kienet obbligata li *"tiddepozita s-somom li talvolta tigi kkundannata thallas lid-debitur sekwestrat",* u dana lil hinn minn kull obbligu li l-istess

socjeta' Rema Maritime Limited assumiet permezz ta' l-*Escrow agreement.*

(6) Illi minkejja l-obbligu indipendenti ta' Rema Maritime Limited li tiddepozita l-ammont tas-sekwestru, il-fondi fl-*Escrow* kienu ghadhom flus taghha u Rema Maritime Limited kellha hekk imsejjah 'reversionary interest' fl-istess fondi. *In vista* tal-mandat ta' sekwestru, Rema Maritime Limited setghet u kellha tidderigi lill-*Escrow agent* li ma jhallasx il-fondi lil Nero Shipmanagement Ltd. jew xi hadd ghaliha sakemm Qorti kompetenti kellha tiddetermina l-prijorita' fuq il-fondi li kienu qeghdin jinzammu *in Escrow.* Minflok, ben konxja ta' l-ordni fil-mandat ta' sekwestru u bi pregudizzju serju ghall-interessi tas-socjeta' esponenti, Rema Maritime Limited ippermettiet li l-fondi jigu rilaxxati mill-*Escrow* bil-konsegwenza li baqa' bilanc ta' USD28,674.41 biss.

12. Illi l-agir tas-socjeta' Rema Maritime Limited ikkawza u qieghed jikkawza danni lis-socjeta' esponenti.

13. Illi fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti, fic-cirkostanzi jezistu l-estremi biex tigi applikata d-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 378 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi kif gej:

*"Sekwestratarju li, ghalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew hwejjeg ohra, ta' proprjeta` tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setghu gew issekwestrati bil-mandat, u li ma jaghmilx id-depozitu msemmi fl-artikolu 376 fi zmien il-*

*perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli ghad-danni u l-imghax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors maghmul ghal dak il-ghan mill-kreditur, tohrog dawk l-ordinijiet li jistghu jkunu mehtiega, inkluz l-arrest personali tal-persuna ghal perjodu li ma jaqbizx it-tliet xhur, biex iggieghlu jiddepozita dawk il-beni:....".*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepozita d-differenza bejn is-somma tal-Mandat ta' Sekwestru odjern u s-somma depozitata bic-cedola tal-21 ta' Jannar 2016, u bl-imghax minn dakinhar li Rema Maritime Limited kellha tiddepozita s-somma sekwestrata, u dana *a tenur* ta' l-artikolu 378 tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Rema Maritime Limited, u b'riserva minn issa ghad-danni sofferti.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 u ordnat lis-sekwestratarja tesebixxi kopja tal-*Escrow Agreement*.

Rat ir-risposta tal-Imhallef Emeritus Dr P. Sciberras *nomine* ghar-rikors tad-29 ta' April 2016, datata 11 ta' Mejju 2016 a fol 7 tal-process fejn espona :-

Illi t-talba kontenuta fir-rikors ma tikkoncernax lill-esponenti *nomine* izda *se mai* lis-sekwestratarju Rema Maritime Ltd;

Illi sa fejn hu maghruf din l-ahhar imsemmija socjeta' ma ghaddietx l-ebda flejjes lill-esponenti *nomine* fil-kwalita' tieghu premessa, u lanqas lil Nero Shipmanagement Limited li taghha tqabbad kuratur *ad litem*, anke jekk din il-kumpanija estera baqghet ma kkomunikatx mal-esponenti *nomine nonostante* l-missivi lilha mibghuta dwar l-andament tal-proceduri li saru;

Illi fic-cirkustanzi l-esponenti *nomine* m'ghandux x'iwiegeb ghar-rikors intavolat, u kull procedura ulterjuri, jekk ikun il-kaz, ghandha tittiehed direttament kontra is-socjeta' sekwestratarja Rema Maritime Ltd.

Rat ir-risposta ta' Rema Maritime Limted ghar-rikors tar-rikorrent *nomine* notifikat lilha fid-19 ta' Mejju 2016 datata 26 ta' Mejju 2016 a fol 15 tal-process fejn esponiet:

1. Illi din il-vertenza jisthoqqilha illi din l-Onorabbli Qorti tisma' l-provi *stante* illi f'din il-vertenza tenhtieg opinjonijet legali minn avukati Inglizi dwar arbitragg l-Ingilterra u prova ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' l-arbitragg u fir-rigward ta' l-*Escrow account* relattiv, liema dokumenti huma soggetti ghal-ligi Ingliza.

2. Illi din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, li tat id-digriet taghha fit-12 ta' Jannar 2016, ma semghet l-ebda prova izda biss trattazzjoni fuq il-kunfidenzjalita' *o meno* ta' l-arbitragg u ghalhekk kwalunkwe digriet iehor ta' din l-Onorabbli Qorti minghajr smigh komplut jilledi severament id-dritt kostituzzjonali tas-socjeta' esponenti

ghal smigh xieraq, li minn issa qieghda zzomm ferm dan id-dritt taghha.

3. Illi *di piu'*, id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, hija wkoll *ultra petita stante* illi r-rikors tas-socjeta' rikorrenti tad-19 t'Ottubru 2015 li abbazi tieghu inghata dak id-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 kien jikkontjeni biss talbiet biex is-socjeta' esponenti tizvela informazzjoni dwar l-arbitagg u ma kien hemm l-ebda talba ghal kundanna tas-socjeta' esponenti biex tiddepozita xi flus. Ghalhekk it-trattazzjoni kienet biss dwar il-konfidenzjalita' *o meno* ta' l-arbitragg Ingliz li huwa soggett ghal-ligi Ingliza.

4. Illi ghall-informazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-fatti ta' din il-vertenza huma kif gejjin:

(i) Illi meta s-socjeta' rikorrenti pprezentat u nnotifikat is-socjeta' esponenti bhala sekwestratarja bis-sekwestru ezekuttiv nru. 1087/15 li gie pprezentat f'din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Lulju 2015, hija ma kellha ebda flus dovuti minnha lis-socjeta' Nero Shipmanagement Ltd. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti pprezentat nota fejn iddikjarat illi ma kellha ebda hwejjeg jew flus tas-socjeta' sekwestrata.

Illi dak iz-zmien kien hemm arbitragg Londra bejn is-socjeta' esponenti u s-socjeta' Nero Shipmanagement Ltd. u kien hemm *Escrow agreement* (Dok. A) fir-rigward ta' l-arbitragg datat 7 t'Ottubru, 2011 bejn is-socjeta' esponenti u Nero Shipgmanagement Ltd. u l-*Escrow* agent kienet is-

socjeta' North of England P & I Association Ltd. Illi dan l-*Escrow agreement* huwa soggett ghall-gurisdizzjoni ta' l-*English High Court of Justice* u tal-ligi Ingliza.

Illi s-socjeta' esponenti ddepozitat l-ammont ta' US$ 459,988.58 **f'Ottubru 2011** fl-kont bankarju indikat fl-istess *Escrow account*, erba' snin qabel mas-socjeta' rikorrenti ghogobha tipprezenta s-sekwestru ezekuttiv odjern.

Illi l-ewwel klawsola, addirittura l-ewwel klawsola, ta' l-istess *Escrow agreement* tghid hekk:

*"The Escrow Agent is hereby* ***irrevocably instructed*** *by the Parties to act in accordance with the terms described below, including the making of payments from the Escrow Account in accordance with this Agreement."*

5. Illi ghalhekk meta s-socjeta' rikorrenti ghogobha taghmel is-sekwestru ezekuttiv odjern fis-6 ta' Lulju 2015, is-socjeta' esponenti ma kinitx dovuta thallas l-ebda flus lil Nero Shipmanagement Ltd. ghaliex ma kien ghad hemm l-ebda *Award* kontra taghha kif ukoll kwalunkwe flus li setghu qatt ikunu dovuti lil Nero Shipmanagement Ltd. kienu f'idejn l-*Escrow Agent* u skont il-ligi Ingliza s-socjeta' esponenti ma kellha ebda kontroll fuqhom (Dok. B - *Legal Opinion* mil-*Law Firm* Ingliza Holman Fenwick and Willan International LLP).

6. Illi dak li tippretendi s-socjeta' rikorrenti li kellha taghmel is-socjeta' esponenti kien impossiblli u hawn japplika l-principju sagrosant ta' 'Nemo ad impossibilia

tenetur'. Is-socjeta' esponenti ma setghet qatt tirtira l-flus li kienet iddepozitat fl-*Escrow account* erba' snin qabel, u anke kieku dan seta' b'xi mod isehh li ma setax isir, kienet tispicca tissoggetta ruhha ghal danni ingenti tant il-ligi Ingliza quddiem l-*English High Court of Justice*. Is-sekwestratarju anke taht il-ligi taghna m'ghandu l-ebda obbligu jissoggetta ruhu ghal danni sabiex jikkawtela xi dritt tas-sekwestrant.

7. Illi *di piu'* s-socjeta' rikorrenti tippretendi b'mod ingust illi din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjeta' esponenti u dan permezz biss ta' talba f'rikors fl-atti tal-mandat odjern, fejn is-socjeta' hija sekwestratarja u mhux id-debitur, minghajr ma thalli lil din l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-obbligi li kellha s-socjeta' esponenti fl-Ingilterra taht il-ligi Ingliza. Huwa ghalhekk necessarju illi qabel tiehu xi decizjoni din l-Onorabbli Qorti, hija tisma' provi dwar il-ligi Ingliza kemm dwar l-arbitragg u l-*Escrow account* u l-obbligi tas-socjeta' esponenti taht il-ligi Ingliza.

8. Illi permezz ta' rikors taghha tad-19 t'Ottubru 2015 (Dok. C), is-socjeta' rikorrenti kienet talbet biss lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lis-socjeta' esponenti biex tirrispondi sitt domandi minn (a) sa (f) dwar l-Arbitragg f'Londra. Ma kien hemm l-ebda talba ohra. Illi *stante* l-proceduri ta' l-arbitragg f'Londra huma meqjusa skont il-ligi Ingliza bhala kunfidenzjali, is-socjeta' esponenti opponiet it-talba permezz ta' risposta pprezentata fit-13 ta' Novembru 2015, kopja annessa bhala Dok. D. Kien hemm biss trattazzjoni fuq dan il-punt.

Illi ghalhekk meta din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta tat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016, hija ma kinitx edotta mill-fatt sagrosant illi l-flus kienu depozitati f'*Escrow account* l-Ingilterra sa minn Ottubru 2011 u illi l-flus, skont il-ligi Ingliza, ma kienux fil-pussess jew kontroll tas-socjeta' esponenti.

Illi fl-*Escrow account* kien gie depozitat l-ammont ta' USD459,988.58 skont l-istess *Escrow agreement* Dok. A. Illi f'Jannar 2012 gie mhallas lil Nero Shipmanagement Ltd. mill-*Escrow account* l-ammont ta' USD 32,539.29. Ghalhekk fl-*Escrow account* f'Jannar, 2012 kien fadal l-ammont ta' USD427,449.29.

Illi kien hemm zewg *Arbitration Awards* l-Ingilterra, wiehed fit-13 t'Awwissu 2015 dwar il-mertu u l-iehor fil-21 ta' Dicembru 2015 dwar l-ispejjez, fejn Rema giet ikkundannata thallas l-ammont ta' USD459,896.99.

Illi l-*Escrow agent* hallas l-ammont ta' USD431,222.58 li kien hemm fil-kont (u cioe' l-ammont ta' USD427,449.29 flimkien ma' l-interessi li kien fil-kont) *ai termini* tal-*Escrow agreement* (Dok. A).

9. Ghalhekk fil-pussess taghha dovuti lil Nero Shipmanagement Ltd., is-socjeta' esponenti kellha biss Eur28,674.41 (u cioe' USD459,896.99 - USD431,222.58) li fil-fatt hija ddepozitat permezz ta' Cedola ta' Depozitu datata 21 ta' Jannar 2016 (Dok. E). Hija pprezentat ukoll permezz ta' nota fil-21 ta' Jannar 2016 (Dok. F) is-segwenti dokumenti: (i) tal-*lodo* finali fl-arbitragg l-Ingilterra bejn

Rema Maritime Limited u Nero Shipmanagement Ltd. (Dok. G), (ii) tal-*lodo* dwar l-ispejjez (Dok. H), (iii) tal-*e-mail* li turi l-*breakdown* tal-ammont dovut (Dok. I), (iv) tal-*Escrow agreement* (Dok. A), kif ukoll (v) tal-*bank transfer* li sar skont l-*Escrow agreement* (Dok. J).

10. *In vista* tas-suespost it-talba tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tintlaqa' *stante* li s-socjeta' esponenti ma kinitx fil-pussess u kontroll tal-flus li kienu gew depozitati f'*Escrow account* taht il-kontroll u pussess ta' l-*Escrow agent* skont l-*Escrow agreement* (Dok. A) liema flus kienu taht il-gurisdizzjoni Ingliza u soggetti ghal-ligi Ingliza. Is-socjeta' rikorrenti qieghda tpoggi s-socjeta` esponenti daqs li kieku hija kienet id-debitur taghha, mentri hija kienet sekwestratarja, u ghalhekk din it-talba tas-socjeta' rikorrenti fic-cirkostanzi tal-kaz mhijiex mertu ta' rikors taht l-artikolu 378 tal-Kap. 12 izda mertu ta' kawza fejn ikunu jistghu jingiebu l-provi kollha mill-partijiet inkluzi provi permezz ta' avukati Inglizi fuq il-ligi Ingliza ghar-rigward tal-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Lulju 2016 (fol 68) fejn il-Qorti rat il-verbal taghha tal-14 ta’ Lulju 2016 fejn fuq talba tal-kuratur *ad litem* ghaddiet ghas-sostituzzjoni tal-istess. Ghaldaqstant irrevokat il-hatra tal-Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras u innomat bhala sostitut lill-Avukat Kris Borg bhala kuratur *ad litem* sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` Nero Shipmanagement Ltd f’ dawn l-atti u fl-atti kollha sussegwenti u konnessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2007 (fol 238) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghall-4 ta' Lulju 2017 fid-9:30a.m. ghal digriet fuq il-punt sollevat *ex officio* minn din il-Qorti; u l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 (fol 248) fejn inqrat sentenza *in parte*.

Rat in-nota ta' Stephen Muscat bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Seaboard Oversease Limited datata 6 ta' Marzu 2018 a fol 289 *et seq* tal-process.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` Rema Maritime Limited datata 6 ta' April 2018 a fol 294 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 19 ta' Gunju 2018 (303) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet minn Dr Stephen Muscat u Dr Tonio Grech, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta' rikorrenti, (*Seaboard)* talbet li jigi ordnat lis-socjeta' Rema Maritime Limited (Rema) bhala sekwestratarja fil-mandat ta'

sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepozita d-differenza bejn is-somma likwidata fil-Mandat u s-somma depozitata bic-cedola tal-21 ta' Jannar 2016, u bl-imghax minn dakinhar, *stante* li Rema Maritime Limited kellha l-obbligu tiddepozita s-somma sekwestrata.

Illi l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq id-disposizzjonijiet **tal-artikolu 378 tal-Kap. 12** li jobbliga lis-sekwestratarju sabiex, taht sanzjoni ta' responsabbilta' ghad-danni u spejjez, u sahansitra taht sanzjoni ta' arrest personali, jiddepozita l-flus u hwejjeg li ghandu f'idejh appartenenti lid-debitur sekwestrat.

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Jannar 2016 fuq rikors tad-19 ta' Ottubru 2015 fl-atti tal-istess mandat, u fl-istess ismijiet premessi gie ordnat u deciz minn din il-Qorti:

"*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet limitatament billi tordna lil Rema Maritime Limited sabiex tiddepozita kopja legali tal-lodo arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mid-data li jinghata taht sanzjoni ta' disprezz u dana salv u effettiv l-obbligu li l-istess socjeta' tiddepozita s-somom li talvolta tigi kkundannata thallas lid-debitur sekwestrat skont il-Ligi entro l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess.*"

Illi l-intimat ossia d-debitur, Nero Shipmanagement Limited (Nero) wiegeb li din il-kumpannija ma thallsitx xi flus mis-socjeta' Rema Maritime Limited u billi r-rikors odjern

jirrigwarda s-socjeta' sekwestratarja, m'ghandux x'iwiegeb ghar-rikors odjern.

Illi Rema wiegbet a fol 15 fejn oggezzjonat ghad-digriet premess kif ukoll ghat-talba mertu tar-rikors odjern. Dwar it-talba sahqet li din il-Qorti ghandha tisma' l-provi kollha inkluz dawk dwar il-ligi Ingliza li hija l-ligi applikabbli ghall-proceduri ta' arbitragg u ghall-*escrow account.* Irriteniet li ma kinitx fil-pussess u kontroll tal-flus li kienu gew depozitati f'dan il-kont tal-*escrow* skont il-ftehim ta' *escrow* esebit bhala **Dok A** f'dawn l-atti, liema flus kienu soggetti ghall-gurisdizzjoni Ingliza u ghal-ligi Ingliza.

Illi fil-mertu eccepiet li ma kellhiex flus appartenenti lid-debitur fiz-zmien tan-notifika u s-somma ta' USD459,988.58 kienet depozitata f'*escrow account* soggett ghall-ftehim ta' *escrow* imsemmi datat is-7 ta' Ottubru 2011 bejn l-istess partijiet imsemmija (Rema u Nero) u l-*escrow agent,* is-socjeta' North of England P & I Association Ltd (‘il quddiem imsejjah 'North'). Is-socjeta' Rema Maritime Limited eccepiet li m'ghandhiex kontroll u pussess fuq dan il-kont. Dan il-ftehim huwa soggett ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi u ghal-ligi Ingliza u b'effett tal-istess kwalunkwe flus li setghu jithallsu lid-debitur kienu f'idejn l-*escrow agent.*

**FATTI**

Il-fatti li johorgu mill-atti huma s-segwenti.

Illi huwa pacifiku li s-socjeta' rikorrenti ghandha titolu ezekuttiv kontra Nero Shipmanagement Limited.

In segwitu s-socjeta' rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimat Nero (Mandat ta' Sekwestru Nru.1087/15) in kawtela tal-ammont ta' €181,715.65 *sorte*, €30,879.99 imghax, u €1,093.82 spejjez, b'kollox €213,689.46, rapprezentanti ammont dovut f'ezekuzzjoni ta' "*partial final award and final arbitration award as to costs" moghtija rispettivament fit-13 ta' Gunju 2013 u fis-7 ta Awwissu 2013 gewwa Londra resi esegwibbli gewwa Malta wara li gew registrati mac-Centru dwar l-Abritragg ta' Malta a tenur tal-art. 74 tal-Att dwar Arbitragg."*

Il-mandat gie notifikat lis-sekwestratarja fl-**10 ta' Lulju 2015** u b'nota fl-istess data l-istess socjeta' sekwestratarja iddikjarat li m'ghandhiex hwejjeg jew flus tas-socjeta' sekwestrata.

B'rikors intavolat quddiem din il-Qorti **fid-19 ta' Ottubru 2015,** (Rik Numru 996/15/LS0) is-socjeta' kreditrici talbet lil dina l-Qorti tordna lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv imsemmi numru 1087/15 sabiex taghti dik l-informazzjoni kollha rilevanti ghall-istess mandat.

Illi in segwitu inghata d-digriet sucitat minn din il-Qorti fit-**12 ta' Jannar 2016.**

Illi jirrizulta pacifiku li meta gie intavolat il-mandat odjern kien hemm proceduri arbitrali ohra pendenti f'Londra bejn id-debitur sekwestrat  Nero u s-sekwestratarju Rema fejn is-sekwestrat kien qed ifittex kundanna ghall-hlas ta' danni. Ghalhekk, ir-rikorrent odjern ippretenda li skont x'ikun l-ezitu ta' dawn il-proceduri li qed jittiehdu fl-esteru seta' jirrizulta li s-sekwestratarju Rema Maritime Limited tigi kkundannata thallas lil Nero Shipmanagement Limited ammont likwidat bhala danni. F'tali kaz issottometta li jkun evidenti li l-ammont dovut lid-debitur b'konsegwenza tal-*lodo* finali ghandu jingabar fix-xibka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv *de quo.*

Illi gara li in segwitu ghad-digriet imsemmi, is-socjeta' Rema Maritime Limited, permezz ta' cedola ta' depozitu datata **21 ta' Jannar 2016** fl-atti tal-Mandat odjern, filwaqt li ghamlet referenza ghal zewg 'Awards' arbitrali wiehed tat-**13 ta' Awwissu, 2015** u iehor tal-**21 ta' Dicembru 2015** li bihom l-istess socjeta' Rema Maritime Limited giet ikkundannata thallas  lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited is-somma ta' USD459,896.99, iddepozitat favur ir-rikorrenti odjerna s-somma ta' USD28,674.41[1] ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess cedola (fol  31 tal-process).

Illi r-raguni moghtija ghaliex giet depozitata s-somma indikata biss, u mhux ammont rapprezentant s-somma fl-intier taghha kif likwidat fil-mandat kienet li kien gie ffirmat *Escrow agreement* datat 7 ta' Ottubru 2001 bejn dawk l-istess socjetajiet li abbazi tieghu sar *bank transfer* mill-*Escrow agent* skont l-istess *Escrow agreement* lin-

[1] Ekwivalenti ghall €26,289/91. skont l-ahhar rata mahruga mill-Bank Centrai ta' Malta fid-data tad-depozitu.

'Norwegian Hull Club', tas-socjeta' Nero Shipmanagement Ltd., fl-ammont ta' USD431,222.58.

Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta' sekwestratarja giet ikkundannata permezz taz-zewg *Final Arbitration Awards* premessi sabiex thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited is-somma ta' USD459,896.99.

Illi mir-risposta tas-socjeta' sekwestratarja jirrizulta li l-*Escrow agent* hallas lid-debitur is-somma ta' USD431,222.58 u b'hekk kien fadal bilanc fil-kont ta' USD28,674.41 li gie depozitat fl-atti tal-mandat (Dok J *Swift Confirmation report* datat 5 ta' Jannar 2016 a fol 64).

**Provi**

Illi l-partijiet rispettivi esibew provi dokumentarji rigward il-*lodi* arbitrali kif ukoll affidavits u opinjonijiet legali ex parte ta' avukati barranin rigward l-interpretazzjoni tal-ligi Ingliza applikabbli ghall-ftehim tal-*Escrow* bejn is-socjeta` debitrici u s-sekwestratarja. Ghandu jigi osservat li kien hemm qbil bejn il-partijiet li kienet il-Ligi Ingliza li kellha tirregola l-ftehim ta' l-*escrow*.

**Perizja Legali**

Illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet din il-Qorti b'digriet tal-12 ta' Settembru 2017 innominat lill-**Professur Charles Debattista** bhala espert fil-Ligi Ingliza[2] sabiex "*ifittex u jirrelata dwar il-punti legali mertu ta' dawn il-proceduri li*

[2] Digriet tan-nomina a fol 253 tal-process.

*gew indirizzati mill-esperti ex parte tal-partijiet.* Il-Qorti ghamlet xi mistoqsijiet lill-Espert li ser jigu trattati wiehed wiehed mar-risposta relattiva tieghu. Ir-rapport tieghu jinsab esebit a fol.262 tal-process, datat il-15 ta' Novembru 2017.

**Q**: *1. Jekk is-sekwestratarja Rema Maritime Limited kellha fil-pussess taghha flus/oggetti appartenenti lis-socjeta' sekwestrata* ***Nero Shipmanagement Ltd. (id-debitur)*** *meta is-socjeta' rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 1087/15 fis-6 ta' Lulju 2015, notifikat lis-sekwestratarja fl-10 ta' Lulju 2015.*

**R:** *" i] between 6 and 17 July 2015, it was not possible to say whether goods or moneys in Rema's possession belonged to Nero;"*

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-Espert sab li: "*As far as concerns the funds in the Escrow account, as we shall see later in this Opinion, these were in the possession of North as Escrow Agent and not in Rema's possession."*

**Q :** *2. Jekk sussegwentement ghall-hrug ta' tali mandat l-istess socjeta' Rema Maritime Limited giet fil-pussess ta' flus/oggetti appartenenti lid-debitur imsemmi b'konsegwenza ghal-lodo arbitrali tat-13 ta' Awwissu 2015.*

**R:** *[ii] after 13 August 2015, Rema was in possession of moneys belonging to Nero".*

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-Espert jghid: "*Now whether Rema chose to satisfy that debt through the payment of the moneys already in Escrow under the Escrow Agreement or through other moneys is nothing to the point of the particular question. It was the existence of the debt, canonised in a final arbitral award which put Rema in possession of moneys belonging to Nero. The simple answer to the Court's second question is therefore Yes: as of August 13 2015 Rema had come to have in its possession moneys belonging to Nero."*

**Q:** *3. Jekk Rema Maritime Limited kienet obbligata skont il-ligi Ingliza li thallas l-ammont likwidat b'lodo arbitrali finali bejnha u bejn id-debitur, konsistenti fi flus depozitati f'kont Escrow jew jekk setghetx izzomm il-flus milli jithallsu lid-debitur u tikseb ir-reverzjoni taghhom.*

**R:** *[iii] the answer here is as follows:*

*[a] Rema werenot bound to use funds held in the Escrow account in discharge of their obligation to pay Nero under the Time-Charterparty Award: they could have so discharged using any moneys held by them; but*

*[b] Once a request for payment was made by Nero's London lawyers for payment from the Escrow account, Rema werein no position to restrain such payment from the Escrow account;*

**Q:** *4. Min jitqies li hu s-sid/pussessur tal-kont Escrow u tal-flus hemm depozitati - Rema Maritime Limited jew Nemo Shipmanagement Limited - malli l-lodo isir esekuttiv."*

**R:** *[iv] the answer here is as follows:*

*[a] From the time funds were depozited in the Escrow account to 30 August 2015 the legal interest in the funds stood with North, subject to the equitable interest of Rema and subject to a contingent equitable interest of Nero;*

*[b] From 30 December to 5 January, the legal interest stood with North subject to Nero's equitable interest;*

*[c] From 5 January onwards, legal interest remained with North subject to Rema's equitable interest in the residue;"*

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt Malti kif applikati ghall-artikoli 376-378 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti, mal-hrug ta' mandat ta' sekwestru, tordna lis-sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeġ li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitur, taħt piena ta’ ħlas tad-danni u l-imgħax. Inoltre is-sekwestratarju jigi ordnat biex jiddepożita, bi spejjeż tad-debitur fi żmien dsatax-il jum min-notifika tal-mandat, mar-Reġistratur xi flus jew ħwejjeġ li jkunu proprjetà tad-debitur, issekwestrati bil-mandat **(Art 376(2)(d) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Minn qari  ta' dan is-subartikolu, kif ukoll mill-**artikolu 378 tal-istess Kodici,** jirrizulta li l-hsieb tal-legislatur hu biex jorbot lis-sekwestratarju sabiex izomm dawk il-flus jew hwejjeg appartenenti lid-debitur sekwestrat li huma fil-pussess tieghu taht piena tas-sanzjonijiet ikkontemplati bil-ligi. Hekk jiddisponi l**-artikolu 378** u cioe`:

*"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta’ flus jew ħwejjeġ oħra, ta’ proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista’, wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordinijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni".*

Illi bid-digriet precedenti ta' din il-qorti tat-12 ta' Jannar 2016 gja gie ritenut li l-effetti tal-mandat jolqtu anke dawk il-krediti li jsorgu wara l-hrug tal-mandat diment li l-mandat jibqa' validu u vigenti u din il-Qorti taghmel referenza shiha ghall-istess digriet dwar dan il-punt.

Gie ritenut f'dak id-digriet li "*Din il-Qorti tifhem li sekwestratarju notifikat b'mandat ta' sekwestru ghandu obbligu ben definit, u cioe`, li jiddepozita il-flejjes jew hwejjeg li ghandu fil-pussess tieghu u li huma tad-debitur u fin-nuqqas jesponi ruhu ghall-sanzjonijiet li jistghu jinkludu anke l-arrest personali..... ".*

Illi madanakollu inghad li "*L'indole del sequestro e' di spiegare i suoi effetti anche sulle cose o denari che in seguito alla sua esecuzione giungessero in potere del sequestratario, e cio' fino a nuovo ordine." (***Brockdorf v Micallef - vol.X.727.col.22)**[3]. "

Illi dan ifisser li l-effetti tal-mandat jolqtu anke dawk il-krediti li jsorgu wara l-hrug tal-mandat diment li l-mandat jibqa' validu u vigenti. L-obbligu tas-sekwestratarju jibqa' vigenti u effettiv sakemm jibqa' vigenti l-mandat u ghandu jiddikjara li ghandu flejjes fil-pussess tieghu appartenenti lid-debitur malli dawn jigu fil-pussess tieghu.

Tant li kif rapportat f'Cremona[4] "*Il sequestro presso terzi, detto percio' nell'antica pratica 'nhibitio o praeceptum de non solvendo', non ha altro effetto se non quello d'impedire, nell'interesse del sequestrante, il passaggio di denaro o di qualunque altra cosa mobile dal debitore al creditore di essa e d'invalidare, in quello stesso interesse il pagamento fatto dal primo al secondo." (art 404 - illum artikolu 375 tal-Kap 12).*

Difatti l-kliem **tal-artikolu 375** ma jhallux dubju dwar l-effett inibittiv tal-mandat ta' sekwestru :

*"Meta kreditur bis-saħħa ta' sentenza jew titolu ezekuttiv ieħor, sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu, ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew haġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru."*

[3] Rapportat f'Cremona "*Giurisprudeza sul Procedura Civile*" - Vol I p 797.
[4] Op cit. pp 798

Dwar l-effetti tal-mandat Cremona jirraporta hekk [5]:

"*L'effetto principale del sequestro presso terzo a' quello d'impedire al sequestratario di soddisfare il suo creditore, debitore pignorato, sotto pena di risarcire il sequestrante del danno che gli avessi recato".*

## TRATTAZZJONI U SOTTOMISSJONIJIET

Illi d-difensur tas-socjeta' rikorrenti, fit-trattazzjoni orali, irrefera ghall-fatt li kemm Rema kif ukoll is-socjeta' debitrici, zammew mistur il-fatt tal-*escrow agreement.* Dan ippriva lill-kreditur minn rimedju applikabbli ghalih fl-Ingilterra biex jintervjeni u iwaqqaf il-pagament milli jsir u, minflok, il-flejjes kienu jigu depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti Ingliza.

Min-naha l-ohra, gie ribadit mill-avukat tas-sekwestratarja li Rema kienet marbuta mat-termini tal-*escrow agreement* u ma setghetx timpedixxi li jsir il-pagament lil Nero.

## OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI TA' DIN IL-QORTI

Illi d-dati determinanti ghall-fini tal-ezercizzju odjerna huma s-segwenti:

6 ta' Lulju 2015 - hrug tal-mandat ta' sekwestru;
10 ta' Lulju 2015 - notifika lill-Rema bhala sekwestratarja;
10 ta' Lulju 2015 - nota ta' Rema li m'ghandhiex fil-pussess taghha flus u hwejjeg appartenenti lid-debitur Nero;

[5] Op cit. pp 800

13 ta' Awwissu 2015 - l-ewwel *Lodo* Arbitrali (Time-Charterparty Award) dwar is-*sorte* dovut minn Rema lill-Nero likwidat fl-ammont ta' USD 252,864.35;
19 ta' Ottubru 2015 - Rikors ta' Seabord, is-socjeta' sekwestranti, sabiex tottjeni informazzjoni dwar l-istatus tal-proceduri arbitrali fl-Ingilterra bejn Rema u Nero;
21 ta' Dicembru 2015 - It-tieni *lodo* Arbitrali dwar l-Ispejjez (the "*Costs Award*");
30 ta' Dicembru 2015 - Sejha mill-Avukati ta' Nero bhala kreditur kanonizzat bid-decizjonijiet arbitrali finali surriferiti, maghmula lill-*escrow agent*, North, sabiex irodd il-pagamenti dovuti skont il-patti u kondizzjonijiet tal-*escrow Agreement* miftiehem bejn il-partijiet Rema u Nero fis-7 ta' Ottubru 2011;
5 ta' Jannar 2016 - Pagament minn North favur Nero tas-somma ta' USD431,222.58;
12 ta' Jannar 2016 - Digriet ta' din il-Qorti fuq ir-rikors tad-19 ta' Ottubru 2015;
21 ta' Jannar 2016 - Cedola ta' Depozitu minn Rema ta' €26,289.91 rapprezentanti l-bilanc rimanenti fl-*escrow account* wara li gie effettwat il-pagament minn North lill-Nero;
29 ta' April 2016 - Ir-rikors odjern abbazi tal-**artikolu 378 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi d-difensuri tal-partijiet applikaw hafna sforzi biex jaghtu l-interpretazzjonijiet rispettivi taghhom fir-rigward tal-*escrow account* skont il-Ligi Ingliza tant li ssottomettew opinjonijiet *ex parte* ta' diversi esperti legali fir-rigward. Din il-Qorti, sabiex tindirizza l-eccezzjonijiet sollevati minn Rema riferibbilment ghall-*escrow account,* innominat l-

espert taghha, il-Professur Charles Debattista, maghzul bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet.

Illi l-Professur Debattista pprezenta r-rapport tieghu, li din il-Qorti ser taddotta fl-intier tieghu u taghmlu taghha. Ghalkemm it-tema trattata hija tema legali, il-materja hija wahda specjalizzata in kwantu tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' ligi estera meqjusa applikabbli ghar-relazzjonijiet guridici bejn is-sekwestratarju u s-sekwestrat kif ukoll ftehim redatt fejn il-ligi applikabbli hija dik tar-Renju Unit. Din il-Qorti hija soddisfatta bil-kostatazzjonijiet u konkluzjonjiet tal-Professur Debattista.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti l-ewwel u qabel kollox hija tal-fehma li hija l-ligi Maltija li ghandha tirregola l-obbligazzjonijiet tas-sekwestratarja kif imfissra fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.

Jirrizulta li Rema kienet notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-10 ta' Lulju 2015. Fil-mument tan-notifika, l-proceduri arbitrali naxxenti mil-litigju bejn Rema u Nero kienu ghadhom ma gewx terminati. Il-*lodo* arbitrali finali gie ippubblikat fit-13 ta' Awwissu 2015, u cioe' sussegwentement ghall-hrug u ghan-notifika tal-mandat. Permezz tad-decizjoni imsemmija, is-socjeta' Rema Maritime Limited giet ordnata thallas lis-socjeta' Nero Shipmanagement Limited id-debitur sekwestrat, is-somma ta' USD 252,864.35 *sorte*. Fil-21 ta' Dicembru 2015 Rema giet ikkundannata thallas ammont addizzjonali bhala *Costs Award.*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni tirrisolvi ruha f'mistoqsija wahda, semplici, u cioe`, jekk Rema kellha l-obbligu, indipendentement mill-obbligi assunti minnha permezz tal-*escrow agreement*, tiddepozita is-somma li kienet giet ikkundannata thallas permezz ta' l-istess 'Final Arbitration Award' sal-limitu tal-ammont kawtelat permezz tal-Mandat odjern. Jekk iva, allura l-konsiderazzjonijiet dwar l-effetti guridici tal-*escrow* huma estranei ghal din il-vertenza. Jekk fin-negattiv, japplika l-kuntrarju.

Mid-disposizzjonijiet legali fuq citati, u mill-gurisprudenza kkwotata, jirrizulta li l-iskop tal-mandat ta' sekwestru huwa biex jimpedixxi lis-sekwestratarju, lit-terz notifikat bil-mandat, milli jghaddi flejjes u hwejjeg lid-debitur sekwestrat. Difatti gja saret riferenza ghall-effett inibittiv tas-sekwestru f'idejn is-sekwestratarju. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-mument li Nero gie kanonizzat kreditur kontra Rema, b'effett tal-ewwel *Lodo* Arbitrali moghti fit-13 ta' Awwissu 2013, Rema kienet fil pussess ta' flejjes dovuti lill-Nero.

Hekk ukoll ikkonkluda l-Espert Legali fit-twegiba tieghu ghat-tieni domanda :

*"after 13 August 2015, Rema was in possession of moneys belonging to Nero".*

Illi ghalhekk sussegwentement ghan-notifika tal-mandat, Rema giet kostitwita debitrici tas-socjeta' Nero u kwindi soggett ghall-effetti tal-mandat *qua* sekwestratarja bl-applikazzjoni tal-gurisprudenza surriferita. Il-mandat kien

ghadu jsehh meta giet ippubblikata d-decizjoni arbitrali u kwindi l-obbligu ta' Rema naxxenti mill-ordnijiet maghmula fil-mandat li jiddepozita l-flejjes dovuti kien validu u effettiv.

Illi impost f'dawn it-termini, l-effetti ta' Ftehim ta' *escrow* konkluza bejn is-sekwestratarja u d-debitur fis-7 ta' Ottubru 2011 m'ghandhom ikollhom l-ebda rilevanza ghar-relazzjonijiet bejn is-sekwestranti, Seaboard, u s-sekwestratarju Rema, bl-ezekuzzjoni tal-mandat premess. Dak il-ftehim sehh ghall-fini tar-rilaxx ta' bastiment proprjeta' ta' Rema mill-effetti ta' mandat ta' arrest li kien gie esegwit minn Nero. B'effett ta' dak il-ftehim, Rema iddepozitat is-somma ta' USD459,988.58 f'*escrow Account* f'idejn is-socjeta' North of England P & I Association Limited ("North") bhala *escrow agent*.

Jirrizulta mhux ikkontestat mill-atti li fit-30 ta' Dicembru 2015 l-avukati rapprezentanti lill-Nero interpellaw ghal-hlas tal-ammont depozitat fl-*escrow account* kif pattwit fl-istess Ftehim u North sussegwentement ittrasferixxa l-ammont ta' USD 431,222.58 lill-Nero fil-5 ta' Jannar 2016.

Ikkonsidrat li l-Ftehim ta' *escrow* huwa *res inter alios acta* ghas-socjeta' kreditrici, rikorrenti f'dawn l-atti. Rema lanqas kienet obbligata li thallas il-kreditu dovut lill-Nero mill-ammont depozitat fil-kont *escrow* (*vide* para 23 tar-Rapport tal-Espert) peress li l-obbligazzjoni ghall-hlas giet kanonizzata fid-Decizjoni Arbitrali u ma gietx ikkostitwita bil-ftehim tal-*escrow.* Rema setghet issalda l-kreditu dovut minn flejjes ohra. Difatti l-istess espert ikkonstata li s-somma ta' €26,289.91 li eventwalment giet depozitata minn

Rema fl-atti tal-Mandat ma inhargitx mill-bilanc rimanenti fl-*escrow account* imma minn fondi ohra;

Hija immaterjali ghall-vertenza odjerna li kien hemm talba ghall-hlas mill-avukati ta' Nero lill-North(l-*escrow agent)*. Kif fuq ritenut, il-Ftehim kien jikkostitwixxi *res inter alios acta* ghall-Seaboard. Dwar l-ezekuzzjoni tal-Ftehim minn Nero permezz tat-talba ghall-hlas li saret lill-agent, l-Espert jikkummenta hekk:

"*Indeed not only did Rema not object to the payment made at Nero's request, but it paid into the Maltese Courts a sum of money outside the escrow funds with a view to making up the deficit between what North had paid Nero and the amount awarded in the Time Charterpart Award. "*

Illi inoltre l-*escrow* agent kien qed jagixxi ghan-nom ta' Rema meta effettwa il-pagament lill-Nero. Hekk jikkonkludi l-Espert fejn, fil-paragrafu 33 tar-rapport jghid "*I have no hesitation in agreeing with Mr Ryan's view that North was indeed Rema's agent for the reasons given in para 40 of his first expert report."* Ir-rapport tal-Avukat Ryan jinsab esebit a fol. 77 *et seq* tal-process fejn jghid b'mod partikolari:

"40.3. *The fact that payment by the Escrow Agent is envisaged to satisfy the indebtedness of Rema to Nero in order for this to work, the Escrow Agent must be acting as agent to Rema when making payment to Nero."*

Wara analizi tal-patti u kondizzjonijiet imfissra fil-Ftehim, l-Espert jikkonkludi li l-obbligu impost fuq l-agent, North, li jhallas lill-Nero jitwieled mhux mid-decizjoni Arbitrali imma minn talba ghall-hlas. Tant li xejn ma kien josta ghal Rema li jeffettwaw il-hlas bi flejjes ohra u mhux dawk depozitati bhala garanzija ma' North.

B'hekk ikkonkluda li sat-30 ta' Dicembru 2015 Rema kien ghad kellha *an equitable interest* fis-somma depozitata bhala garanzija mal-*escrow agent* billi sat-30 ta' Dicembru 2015 kienet ghadha ma saritx talba ghall-hlas mill-avukati ta' Nero.

Illi din il-Qorti taqbel li l-kreditu ta' Nero, u kwindi l-obbligu korrispettiv tal-hlas tas-socjeta' Rema giet kanonizzata b'effett tas-sentenza arbitrali finali u mhux b'effett tal-ftehim tal-*escrow.* Malli tali sentenza giet ippubblikata fit-13 ta' Awwissu 2015, Rema kellha l-obbligu taht il-mandat ta' sekwestru, li twiegeb ghas-sejha ordnata mill-Qorti b'effett tal-mandat billi tiddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti ammont sal-limitu likwidat fil-mandat.

Illi jsegwi li kull ma hu relatat mal-ftehim ta' *escrow* huwa estraneu ghall-konsiderazzjonijiet li trid taghmel din il-Qorti billi l-kliem tal-Ligi huma cari u inekwivoci u jimponu fuq is-sekwestratarju l-obbligu li jiddepozita meta "*jkun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur....*" (**art.378 tal-Kap 12).**

Gjaldarba l-mandat *de quo* jikkostitwixxi ordni tal-Qorti li jimpedixxi l-passagg ta' flus jew hwejjeg mis-sekwestratarju

ghas-sekwestrat, isegwi li Rema Maritime Ltd kienet minnufih, mal-pubblikazzjoni tad-decizjoni arbitrali, obbligata li ma tghaddi l-ebda pagament lis-socjeta' intimata u, minnflok, kienet obbligata tiddepozita tali somom taht l-awtorita' tal-Qorti kompetenti f'Malta.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti tabilfors trid tikkummenta fuq in-nuqqasijiet murija minn Rema tul il-proceduri fuq l-ewwel rikors fejn zammet lura milli tinforma lil din il-Qorti bil-fatti kollha rilevanti. L-ewwel rikors tas-sekwestrant gie pprezentat fid-19 ta' Ottubru 2015. Minkejja li jirrizulta illum li l-*lodo* arbitrali dwar it-*Time-Charterparty Agreement* kien ilu li gie ppubblikat qabel, u cioe' sa mit-13 ta' Awwissu 2015, Rema baqghet ma informatx lill-Qorti b'dan. Anzi giet notifikata bir-rikors imsemmi fit-28 ta' Ottubru 2010[6] u fit-13 ta' Novembru 2015 wiegbet li l-proceduri tal-arbitragg gewwa Londra jitqiesu bhala kunfidenzjali bejn il-partijiet. Infatti sakemm din il Qorti iddekretat dak ir-rikors fit-12 ta' Jannar 2016 kienet ghadha zgwidata fis-sens li agixxiet bil-hsieb li l-proceduri arbitrali kienu ghadhom ghaddejjin, tant li ordnat lill-Rema *inter alia* "*sabiex tiddepozita kopja legali tal-lodo arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mid-data li jinghata taht sanzjoni ta' disprezz."* Kien car li l-Qorti kienet qed taghmel din l-ordni *ad futuram.*

Mhux talli l-arbitragg kien gja gie finalizzat meta inghata d-digriet premess, imma sahansitra kien gja finali meta Rema pprezentat ir-risposta taghha fit-13 ta' Novembru 2015. Ghaddew ben 4 xhur minn meta Nero gie aggudikat

[6] fol 88 *a tergo* u 89 tal-atti tar-rikors

kreditur finali kontra Rema u f'dan it-terminu Rema ma ghamlet xejn biex tottempera ruhha mal-obbligazzjonijiet taghha taht il-Ligi Maltija. Anzi halliet iz-zmien jghaddi inutilment u kien biss wara li nghata d-digriet tat-12 ta' Jannar 2016, fejn allura inghatat ordni taht sanzjoni ghad-disprezz, li zvelat l-ezitu tal-proceduri tal-arbitragg.

Illi bid-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 Rema giet imfakkra fl-obbligu taghha li tiddepozita s-somom li talvolta tigi kkundannata thallas lid-debitur sekwestrat skont il-Ligi *entro* l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess. Fir-realta', jirrizulta llum li l-hlas kien gja sar, fil-mori tal-proceduri fuq l-ewwel rikors qabel ma nghata d-digriet imsemmi.

Illi kif ikkummenta l-Espert ma jirrizultax li Rema opponiet ghas-sejha ta' hlas maghmul lill-*escrow agent* minn Nero. Din il-Qorti zzid li lanqas ma jirrizulta li hadet xi proceduri biex tikkawtela l-posizzjoni taghha kemm f'Malta kif ukoll f'Londra.

Ghaldaqstant dan kollu premess din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tas-sekwestrant.

Ikkonsidrat li l-mandat ta' sekwestru premess inhareg fuq ammont ta' €213,689.46 filwaqt li gew depozitati €26,289.91 permezz tac-Cedola ta' Depozitu 97/16 datat nhar il-21 ta' Jannar 2016. B'hekk fadal bilanc ta' €187,399.55. Din is-somma hija inferjuri ghall-ammont kanonizzat favur Nero u ghaldaqstant huwa milqut bl-effetti tal-mandat fl-intier tieghu. L-imghaxijiet ser jiddekorru mit-

13 ta' Awwissu 2015 li hija d-data tal-ewwel *Lodo* Arbitrali ghas-*sorte*, liema ammont ikopri l-ammont shih likwidat fil-mandat.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-socjeta' debitrici Nero Shipmanagement Limited, huwa evidenti li l-vertenza odjerna tirrigwarda r-relazzjoni legali bejn is-sekwestrant u s-sekwestratarju. Id-debitur huwa ccitat f'dan il-gudizzju *stante* li huwa parti fil-mandat ta' sekwestru in mertu. Madanakollu m'ghandux ikun addebitat bl-ebda spejjez u l-Qorti ser tiddisponi f'dan is-sens.

Illi Rema eccepiet li id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, hija wkoll *ultra petita stante* illi r-rikors tas-socjeta' rikorrent tad-19 t'Ottubru 2015 li abbazi tieghu inghata dak id-digriet tat-12 ta' Jannar 2016 kien jikkontjeni biss talbiet biex is-socjeta' esponenti tizvela informazzjoni dwar l-arbitagg u ma kien fih l-ebda talba ghal kundanna tas-socjeta' esponenti biex tiddepozita xi flus. Ghalhekk it-trattazzjoni kienet biss dwar il-konfidenzjalita' *o meno* tal-proceduri t'arbitragg fl-Ingilterra li huma soggetti ghall-ligi Ingliza.

Illi dwar din l-eccezzjoni din il-Qorti hija llum adita b'talba sabiex Rema tigi ordnata tiddepozita l-flus skont il-mandat. Ghalhekk dak provvdut fit-12 ta' Jannar 2016 rigward ordni ta' depozitu huwa llum sorvolat bl-ordni li ser tinghata llum stess. Kwindi ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Rema bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Nero Shipmanagement Limited, u tilqa' wkoll it-talbiet tar-rikorrent *nomine* u konsegwentement :

**Tordna** lis-socjeta' Rema Maritime Limited bhala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet premessi sabiex tiddepozita s-somma ta' mija u sebgha u tmenin elf, tlett mija u disgha u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€187,399.55) rapprezentanti d-differenza bejn is-somma tal-Mandat ta' Sekwestru fuq premess u s-somma depozitata bic-cedola tal-21 ta' Jannar 2016, flimkien mal-imghax dekorribbli mit-13 ta' Awwissu 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` Rema Maritime Limited**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2018**